**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2010 — Adriaansen vs BEI**

**(Kawża F-35/10)**

(2010/C 209/84)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Mary Lucie Adriaansen (il-Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: A.-M. Schmit, avukat)

*Konvenut:* Bank Ewropew għall-Investiment

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annullament tad-deċiżjoni tal-BEI li tirrifjuta li tipprovdi lir-rikorrenti informazzjoni dwar l-ammont tal-pensjoni tal-ex konjuġi tagħha.

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-BEI tat-18 ta' Marzu 2010;

— tikkundanna l-BEI għall-ispjjeż;

— tordna l-eżekuzzjoni provviżorja tas-sentenza mogħtija, minkejja kull appell u mingħajr garanzija;

— tirriżerva lir-rikorrenti kull drittijiet, dovuti, mezzi u azzjonijiet oħra kollha.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2010 — Rapone vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-36/10)**

(2010/C 209/85)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Chiara Rapone (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: A. Rapone, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-EPSO ċaħdet ir-reġistrazzjoni tat-talba tar-rikorrenti milli tippparteċipa fil-kompetizzjoni EPSO/AD/177/10-LAW.

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni li permezz tagħha ġiet miċħuda r-reġistrazzjoni tat-talba l-ġdida tar-rikorrenti sabiex tipparteċipa fil-kompetizzjoni EPSO/AD/177/10-LAW, liema ċaħda ġiet ikkonfermata fil-komunikazzjoni EPSO tat-12 ta' April 2010;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

---

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Mejju 2010 — Vakalis vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-38/10)**

(2010/C 209/86)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ioannis Vakalis (Luvinate, l-Italja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annullament tad-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Likwidazzjoni tad-drittijiet individwali li tiffissa d-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent fil-kuntest tat-trasferiment tagħhom għall-iskema tal-Unjoni.

**Talbiet tar-rikorrent**

— jikkonstata li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 60/2004, tat-28 ta' April 2004 hija illegali;

— jannulla d-Deċiżjoni PMO-4/TP D (2009)/434514716;

— jannulla d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment;

— jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

---